Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/2047

15.9.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2047

tal-14 ta' Settembru 2026

li jestendi s-sorveljanza *a posteriori* mill-Unjoni rigward l-importazzjonijiet tal-etanol rinnovabbli użat bħala karburant

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat dwar Salvagwardji u Regoli Komuni għall-Esportazzjoni,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2015/478, sorveljanza tal-Unjoni tista' tkun introdotta meta x-xejra fl-importazzjonijiet ta' prodott thedded li tikkawża dannu lill-produtturi tal-Unjoni, u meta l-interessi tal-Unjoni hekk jeħtieġu. L-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2015/755 jippermetti l-possibbiltà li tiġi introdotta sorveljanza meta l-interessi tal-Unjoni hekk jeħtieġu. Sorveljanza *a posteriori*, li tirrikjedi li kull Stat Membru jittrażmetti data dwar l-importazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea ftit wara li tkun effettivament saret l-importazzjoni, tista' tiġi introdotta fl-ambitu taż-żewġ Regolamenti skont l-Artikolu 10(1)(a) u l-Artikolu 7(1)(a) rispettivament.

(2) Ta' min ifakkar li s-sorveljanza *a posteriori* dwar l-importazzjonijiet tal-etanol rinnovabbli użat bħala karburant ("bijoetanol") ġiet introdotta għall-ewwel darba f'Novembru 2020 bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1628 ([3]). Ir-Regolament introduċa ċerti kodiċijiet TARIC għal perjodu ta' sena.

(3) Ir-Regolament (UE) 2020/1628 skada fl-4 ta' Novembru 2021 u għalhekk il-kodiċijiet TARIC ġew diżattivati fis-sistema doganali. Sussegwentement, is-sorveljanza *a posteriori* mill-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-bijoetanol ġiet introdotta mill-ġdid għal perjodu ta' tliet snin bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1777 ([4]).

(4) Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, l-importazzjonijiet tal-etanol rinnovabbli użat bħala karburant reġa' żdied f'dawn l-aħħar snin, u mill-introduzzjoni tar-regolament preċedenti, b'ammonti sinifikanti.

(5) Il-volumi tal-importazzjoni tal-bijoetanol użat bħala karburant minn kull oriġini komplew jiżdiedu minn 621 954 tunnellata fl-2023 għal 967 354 tunnellata fl-2025, li jirrappreżentaw żieda ta' 55 %. L-Istati Uniti huma bil-bosta l-akbar pajjiż esportatur, u jirrappreżentaw 44 % tal-importazzjonijiet totali tal-bijoetanol fl-2025, segwiti mill-Kanada, l-Ukrajna u r-Renju Unit.

(6) Matul l-istess perjodu, l-esportazzjonijiet mill-Brażil lejn l-UE juru żieda minn 25 000 tunnellata fl-2023 għal 46 000 tunnellata fl-2025. Madankollu, dan il-volum għadu pjuttost limitat meta mqabbel mal-esportazzjonijiet tal-Istati Uniti, li żdiedu minn 114 000 tunnellata fl-2023 għal 423 000 tunnellata fl-2025.

([1]) ĠU L 83, 27.3.2015, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/478/oj.
([2]) ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/755/oj.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1628 tat-3 ta' Novembru 2020 li jintroduċi sorveljanza retrospettiva tal-Unjoni rigward l-importazzjonijiet tal-etanol rinnovabbli użat bħala karburant (ĠU L 366, 4.11.2020, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1628/oj).
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1777 tal-14 ta' Settembru 2023 li jintroduċi sorveljanza retrospettiva tal-Unjoni rigward l-importazzjonijiet tal-etanol rinnovabbli użat bħala karburant (ĠU L 228, 15.9.2023, p. 247, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1777/oj).

(7) Is-suq tal-Unjoni huwa attraenti minħabba l-prezzijiet għoljin tiegħu u d-domanda dejjem tikber, li hija sostnuta minħabba l-qafas regolatorju, li d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) u d-Direttiva (UE) 2023/2413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) huma s-sinsla tiegħu.

(8) Il-prezz tal-importazzjoni kompla jonqos, bi tnaqqis fil-prezz medju tal-importazzjoni minn EUR 1 014 t-tunnellata fl-2023 għal EUR 816 t-tunnellata fl-2025, tnaqqis ta' 19 %. Dan it-tnaqqis huwa attribwit l-aktar għat-tnaqqis kbir fil-prezz tal-importazzjoni tal-Istati Uniti, li naqas ukoll b'19 % bejn l-2024 u l-2025 (minn EUR 932 t-tunnellata għal EUR 752 t-tunnellata), u b'hekk baqa' madwar 16 % taħt il-prezz tal-bejgħ tal-Unjoni.

(9) Barra minn hekk, ePURE li tirrappreżenta l-industrija Ewropea tal-etanol rinnovabbli tistma li pajjiżi esportaturi ewlenin, bħall-Istati Uniti jew il-Brażil, għandhom kapaċitajiet ta' riżerva kbar. L-Istati Uniti waħedhom għandhom madwar 12,5 miljun tunnellata ta' kapaċità ta' riżerva, li huwa aktar mid-doppju tal-konsum tal-Unjoni, li kien ta' madwar 5 miljun tunnellata fl-2025. Il-Brażil għandu madwar 16-il miljun tunnellata ta' kapaċità ta' riżerva, li huwa aktar minn tliet darbiet il-volum tal-konsum tal-Unjoni fl-2025 (ara t-Tabella 1 għad-dettalji).

(10) Barra minn hekk, kif jidher fit-Tabella 1 ta' hawn taħt, l-Istati Uniti u l-Brażil għandhom kapaċità żejda li eventwalment u malajr tiġi diretta lejn kwalunkwe suq tal-esportazzjoni fil-mira. Il-konsum tal-UE huwa ta' madwar 4,9 miljun tunnellata u l-produtturi tal-Istati Uniti u tal-Brażil għandhom kapaċità żejda kkombinata ta' 28,3 miljun tunnellata potenzjalment disponibbli għall-esportazzjoni, u għalhekk huma kapaċi jissodisfaw id-domanda tal-Unjoni għal bosta drabi.

Tabella 1

Kapaċità tal-produzzjoni vs Konsum domestiku fis-sena 2025

Sena 2025 (tunnellati)	L-Istati Uniti	Il-Brażil	L-UE
Kapaċità tal-produzzjoni	55 534 767	44 790 055	5 319 898
Konsum domestiku	43 109 806	28 808 208	4 987 906 ([7])
Kapaċità żejda	**12 424 961**	**15 981 847**	**331 992**

(11) Id-distakk persistenti u li qed jikber fl-ipprezzar bejn il-bijoetanol importat u l-bijoetanol prodott fl-Unjoni eżerċita pressjoni, li wasslet għal tnaqqis fil-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni b'21 % bejn l-2023 u l-2025. Iż-żieda fl-importazzjonijiet tikkoinċidi ma' tnaqqis ta' 5 % fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-UE. Is-sehem mis-suq tal-produtturi tal-Unjoni naqas minn 86 % fl-2023 għal 81 % fl-2025. Minflok ma bbenefikat miż-żieda fil-konsum tal-Unjoni, l-industrija tal-Unjoni tilfet xi sehem mis-suq matul il-perjodu kkunsidrat, li jindika b'mod ċar li l-importazzjonijiet fl-UE ppenetraw is-suq tal-Unjoni għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni.

(12) Kif indikat mill-industrija tal-Unjoni, bosta indikaturi ekonomiċi ilhom jiddeterjoraw mill-2023, u jidhru sinjali ta' dannu mġarrab mill-produtturi tal-UE inklużi fil-kampjun, b'mod partikolari:

— Sehem mis-suq (tnaqqis ta' 6 %)

— Użu tal-kapaċità (tnaqqis ta' 1 %)

— Valur tal-bejgħ tal-Unjoni (tnaqqis ta' 18 %)

— Prezz tal-bejgħ tal-Unjoni (tnaqqis ta' 21 %)

— Profittabbiltà (tnaqqis ta' 22 %)

([5]) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2018/2001/oj).

([6]) Id-Direttiva (UE) 2023/2413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001, ir-Regolament (UE) 2018/1999 u d-Direttiva 98/70/KE fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li thassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 (ĠU L, 2023/2413, 31.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/2413/oj).

([7]) Il-produzzjoni tal-Unjoni kienet ta' 4 498 816 tunnellata fl-2025.

(13) Għalhekk, huwa fl-interess tal-Unjoni li l-importazzjonijiet tal-bijoetanol jkomplu jkunu soġġetti għal sorveljanza *a posteriori* tal-Unjoni sabiex tiġi pprovduta informazzjoni statistika, qabel il-ħruġ ta' statistika uffiċjali dwar l-importazzjoni. Id-data ta' sorveljanza tippermetti li tiġi segwita aktar mill-qrib kwalunkwe bidla ulterjuri fil-flussi kummerċjali u l-impatt possibbli tagħhom. Hemm bżonn ta' data kummerċjali rapida biex tiġi ttrattata l-vulnerabbiltà tas-suq tal-Unjoni tal-bijoetanol u biex jiġu identifikati bidliet għall-għarrieda fis-suq dinji.

(14) Billi l-etanol użat bħala karburant jista' jiġi kklassifikat f'diversi intestaturi tan-NM li jinkludu prodotti oħrajn, inħolqu kodiċijiet TARIC speċifiċi sabiex jiġi żgurat monitoraġġ adegwat limitat biss għat-tipi ta' prodott rilevanti. F'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1777, li se jiskadi f'Settembru 2026, il-kamp ta' applikazzjoni tas-sorveljanza *a posteriori* għandu jinkludi t-tipi ta' prodotti elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(15) Sabiex ikun jista' jsir monitoraġġ xieraq tax-xejriet tal-importazzjoni u biex jiġi evitat li l-kodiċijiet TARIC rilevanti jiġu diżattivati, jenħtieġ li s-sorveljanza *a posteriori* tiġi estiża għal perjodu addizzjonali ta' tliet snin,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-importazzjonijiet tal-etanol rinnovabbli użat bħala karburant elenkat fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom ikomplu jkunu soġġetti għal sorveljanza *a posteriori* mill-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2015/478 u r-Regolament (UE) 2015/755.

2. Il-klassifikazzjoni tat-tipi ta' prodotti koperti minn dan ir-Regolament, u b'kontinwità mar-Regolament preċedenti, hija bbażata fuq it-TARIC. L-oriġini tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament għandu jiġi ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mis-16 ta' Settembru 2026, u għandu jibqa' fis-seħħ għal tliet snin, sal-15 ta' Settembru 2029.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Settembru 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([8]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj).

ANNESS

Lista ta' tipi ta' prodotti soġġetti għas-sorveljanza *a posteriori* tal-Unjoni

Il-prodott ikkonċernat li huwa soġġett għal sorveljanza *a posteriori* huwa l-etanol rinnovabbli użat bħala karburant, jiġifieri l-alkoħol etiliku magħmul minn prodotti agrikoli (kif elenkat fl-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea), denaturat jew mhux denaturat, eskluża l-prodotti b'kontenut ta' ilma ta' aktar minn 0,3 % (m/m) imkejjel skont l-istandard EN 15376, iżda inkluż l-alkoħol etiliku magħmul minn prodotti agrikoli (kif elenkati fl-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea) f'taħlitiet bil-petrol b'kontenut ta' alkoħol etiliku ta' aktar minn 10 % (v/v) maħsuba għall-użu bħala karburant. Il-prodott ikkonċernat ikopri wkoll l-alkoħol etiliku magħmul minn prodotti agrikoli (kif elenkati fl-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea) li jinsab fl-Etere etil-terz-butiliku (ETBE).

L-ambitu tal-prodott huwa limitat esklussivament għall-etanol rinnovabbli użat bħala karburant. Għalhekk, l-etanol sintetiku u l-etanol rinnovabbli li mhumiex maħsuba biex jintużaw bħala karburant, jiġifieri maħsuba għall-użu industrijali u għax-xorb, mhumiex koperti.

Il-prodott ikkonċernat bħalissa huwa kklassifikat fil-kodiċi tan-NM u TARIC segwenti:

Kodiċi NM	Estensjonijiet tal-kodiċi TARIC
ex 2207 10 00	11
ex 2207 20 00	11
ex 2208 90 99	11
ex 2710 12 21	20
ex 2710 12 25	10
ex 2710 12 31	10
ex 2710 12 41	10
ex 2710 12 45	10
ex 2710 12 49	10
ex 2710 12 50	10
ex 2710 12 70	10
ex 2710 12 90	10
ex 2909 19 10	10
ex 3814 00 10	10
ex 3814 00 90	70
ex 3820 00 00	10
ex 3824 99 92	66